# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 538/2016**

Il-Pulizija

vs

**Emanuel Bonavia**

Iben Saviour, imwieled Haz-Zabbar, fil-11 ta' Dicembru, 1976, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 1061648(M)

Illum, 26 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Bonavia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar 1-4 ta' Novembru 2015, ghall-habta ta' 5:45hrs fl-inhawi ta' Haz-Zabbar u f'dawn il-gzejjer waqt stagun miftuh ghall-kacca minn fuq l-art, kien ghall-kacca b' armi semi-awtomatici jew awtomatic - b' senter ta' ghamla Breda bi serial number 108907 - u li kien ikkargat u mhux fl-ghata meta kellu il-kompartament tas-senter li jiehu aktar minn zewg skratac fl-istess hin.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Novembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolament 7(1)(k) tal-L.S. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu multa ta' €700 u kif ukoll sospensjoni tal-licenzja ghal sentejn.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Bonavia minnu pprezentat fis-17 ta’ Novembru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2016, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) u konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull htija u piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi b' kull dovut rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti u provi b' mod generali.
>
> Illi hemm zball manifest fid-data tat-twelid ta' l-esponenti illi giet ippruvata lill-Ewwel Qorti permezz tal-produzzjoni tal-karta ta' l-identita tieghu, u fil-fatt il-prosekuzzjoni ammettiet l-izball.
>
> Illi d-data tat-twelid ta' l-esponenti kellha taqra 2 ta' Dicembru 1948 u mhux 11 ta' Dicembru 1976.
>
> Illi l-akkuza tindika l-post fejn allegatament twettaq ir-reat bhala fl-inhawi ta' Haz-Zabbar. Illi b' kull dovut rispett, Haz-Zabbar imiss mal-Kalkara, max-Xghajra, ma' Wied il-Ghajn, mal-Fgura, mal-Birgu u maz-Zejtun. Illi ghalhekk, l-inhawi ta' Haz-Zabbar, mhijiex indikattiva tal-post, aktar u aktar meta l-ghalqa illi fiha kien l-esponenti ghandha indirizz u cioe’ l-Ghalqa ta' Xkomi, Bulebel iz-Zghir, Triq Haz-Zabbar, iz-Zejtun.
>
> Illi di piu, LS 504.71 ma tezistix, u ghalhekk, l-esponenti ma jistax jinstab hati ai termini ta' l-istess Legislazzjoni Sussidjarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant gie imwaqqaf mill-pulizija matul spezzjoni li saret nhar l-4 ta' Novembru 2015, minn PC1379 David Mizzi, PS1141 Noel Tanti u PC572 Antoine Damato filwaqt li kien qiegħed jikkaċċja. Illi meta l-pulizija spezzjonaw l-arma tan-nar li kienet qed tintuża mill-appellant, li kienet Breda S/N 108907, rriżulta li s-senter kien bl-ghata miftuħ, kien ikkargat bi tlett skrataċ ġewwa l-*magazine* tiegħu minflok tnejn u ma kellux ħadida, tant ghalhekk illi inharrgu l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu. Illi l-appellant ma huwiex qieghed jikkontesta l-fatti tal-kaz, billi d-difizi minnu imqanqla, u li gew michuda mill-Ewwel Qorti, huma kollha ta' natura legali.

Illi jibda biex jinghad illi l-akkuża in kwistjoni, fiz-zmien indikat fl-akkuza, kienet regolata bir-regolament 7(1)(k) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.71. Illum dawn ir-regolamenti gew tramandati fil-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta, liema regolament illum jinsab enkapsulat fir-regolament 7(1)(k) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 li ghadu jaqra hekk:

> **'7. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9, ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur billi tuża xi wieħed mill-metodi li ġejjin:**
>
> **(k) armi semi-awtomatiċi jew awtomatiċi b'kompartiment għall-iskrataċ li kapaċi jżomm iżjed minn żewġ tiri ta' munizzjon:...'**[1]

---

[1] Ir-regolamenti 8 u 9 jittrattaw derogi għall-kaċċa u għall-insib li madankollu ma jidhirx li japplikaw għall-każ in eżami.

Issa jidher infatti li meta saret it-trasposizzjoni ta' din il-Leġislazzjoni Sussidjarja, l-kontenut tad-disposizzjoni baqghat l-istess bil-ftit tibdiliet li saru sussegwentement fis-sena 2016 permezż tal-Avviz Legali 69/2016[2] ma humiex riflessi fl-akkuża kif miġjuba kontra l-appellant. Dan ifisser illi l-appellant ma ghandux ragun meta jishaq illi huwa gie misjub hati taht regolamenti illi illum ma ghadhomx jezistu u dan iktar u iktar tenut kont tal-fatt illi t-trasposizzjoni tal-ligi ma biddlet bl-ebda mod il-kontenut tal-akkuża, bl-Ewwel Qorti allura xorta waħda setgħet issib ħtija. Ir-reat kien u baqa' in esistenza u ma kien hemm l-ebda revoka tad-disposizzjoni in kwistjoni. In oltre, l-fatt li saret referenza għall-leġislazzjoni susidjarja antika fl-akkuża miġjuba ma torbotx idejn il-Qorti li qed tiġġudika, dment illi l-akkuża mressqa tkun korrettement tirrefletti l-liġi applikabbli għall-każ. Konsegwentement l-Ewwel Qorti setgħet ssib ħtija ta' dan il-vjolazzjoni ta' dritt li baqa' mhux mittiefes bl-emendi li saru fil-ligi u b'hekk l-aħħar aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jilmenta ukoll illi hemm zewg zbalji fic-citazzjoni, wiehed marbut mal-post fejn sehh ir-reat u l-iehor marbut mal-identifikazzjoni tal-persuna tieghu billi jishaq illi d-data tat-twelid tieghu hija indikata hazin.

Jishaq l-appellant illi huwa gie imwaqqaf mill-pulizija fil-lokalita taz-Zejtun u mhux Ħaż-Żabbar u li konsegwentement tenut kont tad-diċitura tal-artikolu 360 kellu joħroġ illiberat.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

---

[2] Fejn fis-subaragrafu (1) tar-regolament 7 żdiedu l-kliem *'...jew ikollha fil-pussess tagħha'*.

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……"**

Issa ċ-ċitazzjoni tindika li r-reat seħħ 'fl-inħawi ta' Ħaż-Żabbar u f'dawn il-gzejjer' li filfatt jinsab rifless fl-affidavits kollha tal-pulizija li għamlu l-ispezzjoni u li waqqfu lill-appellant fil-jum indikat fl-akkuza, liema affidavits ġew eżebiti in atti[3]. In oltre matul il-proċeduri, senjatament fl-istadju ta' reviżjoni quddiem din il-Qorti d-difiża talbet illi jixhed rappreżentant tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jikkonferma jekk l-għalqa delinejata fil-pjanta li tinstab in atti a folio 10 tinsabx ġewwa iż-Żejtun jew Ħaż-Żabbar. Illi mix-xiehda ta' Martin Bajada, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet moghtija fil-21 ta' Marzu 2019, jirrizulta illi l-art in kwisjtoni tinstab iż-Żejtun fejn ndika wkoll il-konfini tal-madwar fil-pjanta esebieta minnu a folio 31 tal-atti proċesswali fejn hemm indikat ċar il-konfini bejn iż-Żejtun u Ħaż-Żabbar u minn fejn jirrizulta inkonfutabbilment il-prossimita' tal-ghalqa fejn gie imwaqqaf l-appellant mal-konfini ta' Haz-Zabbar.

Issa ghalkemm jidher illi l-art in kwistjoni kienet fiż-Żejtun, iżda l-akkuża titkellem dwar "l-inħawi ta' Ħaż-Żabbar u f'dawn il-gzejjer" sabiex allura il-post fejn sehh ir-reat huwa certament inkorporat fil-lok indikat fl-akkuza. Dan maghdud allura din il-Qorti ma tista' tirriavviza ebda zball fil-lok indikat fic-citazzjoni billi mhuwiex minnu kif jikkontendi l-appellant illi c-citazzjoni tindika li r-reat sehh gewwa Haz Zabbar. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet tasal biex issib ħtija ugwalment ghall-akkuża kif miġjuba stante illi l-post fejn sehh ir-reat huwa indikat fic-citazzjoni b'mod wiesgha hafna u mhux cirkoskritt ghal lok definit biex b'hekk l-ghalqa fejn gie imwaqqaf l-appellant tinsab "fl-inhawi ta' Haz Zabbar u f'dawn il-gzejjer" kif hemm indikat fl-akkuza. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi michud.

---

[3] Folio 4 sa 7 tal-atti proċesswali.

Illi fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-persuna tal-appellant bhala dik tal-persuna akkuzata l-Qorti tistqarr illi anke hawnhekk l-appellant m'ghandux ragun fl-aggravju minnu intentat billi ghalkemm huwa minnu illi d-data tat-twelid tieghu giet indikata b'mod erronju bhala dik tal-11 ta' Dicembru 1976 minflok 2 ta' Dicembru 1948, madanakollu n-numru tal-karta ta'l-identita tieghu hija tali li tidentifikah bhala l-persuna tal-akkuzat. Illi minn ezami tad-dokument esebit a fol. 3 tal-process fil-fatt jirrizulta illi d-data tal-11 ta' Dicembru 1976 hija d-data taz-zwieg tal-appellant u allura huwa evidenti illi min ha hsieb jipprepara ic-citazzjoni identifika din id-data b'mod erronju bhala id-data tat-twelid tal-appellant li tidher izjed 'il fuq l-istess dokument. Illi fuq kollox in-numru tal-karta ta'l-identita tieghu u l-konnotati l-ohra ghajr ghad-data tat-twelid huma ukoll l-istess bhal dawk indikati fil-licenjza mahruga mill-Ufficju tal-Armi esebieta a fol.8 tal-process.

Dan in-numru fuq kollox huwa rifless fl-affidavits tal-pulizija li dak in-nhar stess meta gie imwaqqaf l-appellant indikaw illi huma waqqfu persuna bl-isem ta' Emanuel Bonavia bin-numru tal-karta ta'l-identita' 1061648(M) residenti fl-indirizz 74, Emvin, Triq l-Iklin, Zabbar liema konnotati jikkombacjaw ma' dawk indikati fl-akkuza biex b'hekk din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li si tratta ta'l-istess persuna. Minn naha tieghu l-appellant ma iressaq l-ebda prova sal-grad tal-probabbli li tista' tindika lil Qorti li l-persuna imwaqqfa ma kenitx il-persuna tieghu, lanqas jitlob li issir il-kontro-ezami tal-ufficjali tal-pulizija li identifikawh biex jipprova jiskossa dik l-identifikazzjoni.

> **"Mill-istess affidavit ikun gja irrizulta li l-akkuzat ikun identifika lilu nnifsu b' mod adegwat u sufficjenti max-xhud jew xhieda, allura l-akkuzat , jekk irid jikkontesta dik l-identifikazzjoni li tkun saret *a tempo vergine*, ikun qed jiehu riskju jekk ma jitlobx li x-xhud jew xhieda jigu imharrka ghall-kontroezami biex dik ix-xhieda taghhom pozittiva tal-identifikazzjoni tigi skossjata. Hekk sar f' dan il-kaz.[4]"**

Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-aggravju qed jigi ukoll michud.

---

[4] Il-Pulizija vs Sean Cini App.Inf. 02/11/2006

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, ghalkemm il-htija tirrizulta taht ir-regolament 7(1)(k) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42, gja 504.71, bit-terminu ghas-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca ghandha tibda tiddekorri mil-lum.

(FT) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur